**Laqgha Numru 01/K7/2013**

**Introduzzjoni**

L-Ewwel Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar il-Gimgha 5 ta' April 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Kif jitlob l-Att, il-Kunsillier Raymond Lanzon, bhala l-aktar Kunsillier anzjan qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-1 ta' April 2013. L-Agenda kienet:

**01. Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.**
**02. Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku.**
**03. Il-laqgħat tal-Kunsill.**
**04. Ħatra ta' Kumitati.**

## 01. Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qara lill-Kunsill ir-rizultat ufficjali ta' l-elezzjoni li saret nhar id-9 ta' Marzu 2013. **(Ara dokument A)**

1.02. Il-Kunsillier Raymond Lanzon staqsa lill-Kunsillier Dean Hili jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku u dan skond ir-rizultat ufficjali mahrug mill-Kummissjoni Elettorali.

1.03. Il-Kunsillier Dean Hili accetta l-kariga u ghalhekk gie mahtur Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

1.04. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ittra t'accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku. **(Ara dokument B)**

1.05. Wara s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta s-Sindku Dean Hili l-Lapel Pin u l-Insinja ufficjali.

1.06. Is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Kunsillier Raymond Lanzon u kompla jippresiedi l-laqgha huwa bhala Sindku.

## 02. Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Vici Sindku.

2.01. Is-Sindku Dean Hili staqsa lill-Kunsillier Raymond Lanzon jekk jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku u dan skond ir-rizultat ufficjali mahrug mill-Kummissjoni Elettorali.

2.02. Il-Kunsillier Raymond Lanzon accetta l-kariga u ghalhekk gie mahtur Vici Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

2.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ipprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ittra t'accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku. **(Ara dokument C)**

## 03. Il-Laqghat tal-Kunsill.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-laqghat tal-Kunsill ghandhom jibdew isiru fil-jum ta' l'Erbgha fil-5.30pm. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-frekwenza tal-laqghat ghad trid tigi stabbilita' ghalkemm il-possibilita' hija li din tkun kull tlett gimghat.

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-laqghat tal-Kunsill ghandhom jigu rrekordjata u l'istess recording ghandu jintuza biss mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghall-abbozzar tal-Minuti.

3.05. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.06. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

3.07. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 04. Hatra ta' Kumitati.

4.01. Is-Sindku Dean Hili ipprezenta lill-Kunsill lista ta' kif ghandhom jigu mqassma l-kumitati. Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni taghha. **(Ara dokument D)**

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, fin-nuqqas tieghu bhala Sindku, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ghandu jkun firmatarju fuq il-kontijiet bankarji kollha li ghandu l-Kunsill.

4.05. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

4.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ex Kunsillier Lauro Fava kien ghadu ma rritornax lura c-cwievet tal-Kunsill. Il-kelliem ipprezenta wkoll lil kull membru tal-Kunsill kopja tac-cwievet tal-Kunsill.

4.08. Il-membri kollha tal-Kunsill accettaw ic-cwievet ghajr il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn irrifjutat minhabba li hija sostniet li ghandhom jinbidlu s-sellaturi kollha.

4.09. Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare qablu li ladarba qed jinbidel il-code ta' l-alarm tal-bini, m'hemmx il-htiega li jinbidlu s-sellaturi bi spiza zejda.

4.10. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-6.20pm wara l'intlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 24 ta' April 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |